# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' April 2016**

**Kawza Numru : 24**
**Rikors Guramentat Numru : 854/2014/LSO**

**Yasef Gazawi (karta tal-identita` Nru: 0166180 M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Yasef Gazawi, karta ta' l-identita' nru: 0166180(M) datat 1 ta’ Ottubru 2014 fejn espona: -

Illi r-rikorrent huwa cittadin Malti imwieled f’ San Giljan fil-15 ta' Marzu 1980, kif jidher mill-Att tat-Twelid tieghu anness u mmarkat bhala Dok A.

Illi l-fuq imsemmi Att ta' Twelid, liema Att ghandu n-numru tal-iskrizzjoni wiehed sitta sitta wiehed tas-sena elf disa' mija u tmenin (1661/1980) jikkontjeni zball, fis-sens illi isem ir-rikorrent gie erronjament indikat bhala "Yasef" mentri dan l-isem kellu jigi ndikat bhala "Yousef", filwaqt illi kunjom missieru gie indikat bhala "Gazawi" meta in effetti kellu jkun "Grrash".

Illi bhala prova tal-fatt li isem ir-rikorrent huwa effettivament 'Yousef Grassh', qeghdin jigu annessi kopja tal-passaport Libjan tieghu mmarkata bhala Dok B, l-Att taz-zwieg tar-rikorrenti immarkat bhala Dok C, kif ukoll l-Atti tat-Twelid ta' wliedu minuri Nour Yousef Dawo AB u Mariem li huma mmarkati Dok D u Dok E rispettivament, li fihom kollha r-rikorrenti huwa indikat b'mod korrett bhala "Yousef - anke jekk Garrash u mhux Grrash".

Illi ghalhekk ir-rikorrenti jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 253 *et seq* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex issir id-debita korrezzjoni fl-Att ta' Twelid tieghu.

**Ghaldaqstant,** *in vista* tas-suespost, ir-rikorrenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, inkluz billi tordna l-opportuna pubblikazzjoni tal-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern, *ai termini* tal-Artiklu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tordna lill-intimat jaghmel id-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrenti, liema Att igib in-numru tal-iskrizzjoni wiehed sitta sitta wiehed tas-sena elf disa' mija u tmenin (1661/1980), fis-sens illi kull fejn jidher l-isem "Yasef", dan jigi mhassar u minflok jitnizzel l-isem "Yousef" filwaqt illi kull fejn jidher "Gazawi" dan jigi mhassar u minflok jitnizzel "Grrash".

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-27 ta' Novembru 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 7 ta' Novembru 2014 (fol 17) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu jiddikjara u kkonferma dan li ġej:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-anqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponent jirrileva li d-dikjarant fuq l-att tat-twelid tar-rikorrent (immarkat bhala Dok. DRP 1) jirrizulta li kien missier ir-rikorrent stess u cioe' "Daw Gazawi". Fuq l-att tat-twelid huwa iddikjara li ismu kien Daw u li kunjomu kien Gazawi. Huwa iddikjara ukoll li kunjom missieru kien Gazawi. Ghalhekk jekk il-kunjom proprju tieghu kien 'Grrash' huwa kellu kull opportunita` li jiddikjara bhala dikjarant fuq l-att tat-twelid ta' ibnu li kunjomu huwa 'Grrash' madankollu ma jirrizultax li sar hekk. Jirrizulta wkoll li missier ir-rikorrent iffirma l-att tat-twelid bhala "Dan Gazawi'. Jekk missier ir-rikorrent kellu xi problema b'dawn id-dettalji kif gew inseriti fl-att huwa dejjem seta' joggezzjona izda jidher li hu accettahom ghaliex sahansitra iffirma l-att. L-istess jinghad dwar isem l-attur fejn il-missier seta' facilment jiddikjara li isem ibnu kellu jigi indikat bhala "Yousef" u mhux "Yasef".

3. Illi rigward il-kunjom l-esponent jirrileva li l-attur ipprezenta dokumenti konstrastanti biex jipprova il-kaz tieghu li l-kunjom korrett huwa "Grrash". Fil-fatt fil-passport Libjan hemm imnizel "Grrash" mentri fid-dokumenti l-ohra tnizzel bhala "Garrash".

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost l-esponent jirrileva li l-attur irid jipprova li fil-hajja privata u socjali tieghu huwa maghruf konsistentement bl-isem "Yousef" u mhux "Yasef".

5. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti

m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verabli tas-seduta kollha inkluz tak tas-17 ta' Marzu 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet, li rrimettew ruhhom ghar-rapport tal-espert tal-Qorti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' April 2016.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi r-rikorrent qed jaghmel din it-talba *ai termini* tal-**artikoli 253** *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni ai *termini* tal-**artikolu 254** saret debitament skont il-ligi, fis-6 ta' Ottubru 2014 (fol 22) u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata.

Ir-rikorrent **Yasef Gazawi** xehed b'affidavit (fol 26-27) fejn qal li l-familja tieghu fil-Libya hija maghrufa bil-laqam ta'

'Gazawi' izda, dan mhuwiex il-kunjom ufficjali. Qal ukoll li ismu kif kien minn dejjem maghruf huwa bhala "Yousef". Hu pprezenta dokumentazzjoni in sostenn ghat-talba tieghu.

**Annibale Cassar** xehed (fol 52-53)[1] li hu twieled Tripli u jaf lil missier ir-rikorrent, u qal li l-kunjom tal-familja taghhom hu "Garrash" u Gazawi hu laqam.

**Eduardo Meilak** xehed (fol 54-56)[2] u qal li hu twieled Tripli u jaf lil missier ir-rikorrenti, fejn qal li fil-Libya juzaw hafna l-isem u l-laqam u mhux il-kunjom. Qal li l-isem tar-rikorrent, hu Yousef, u ilu jafu sa minn meta twieled.

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrent qed jitlob il-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid **Dok A**, (fol 4) bin-numru 1661/1980, billi fejn jidher l-isem "Yasef" dan ghandu jitnizzel "Yousef" u fejn jidher il-kunjom "Gazawi" jrid jitnizzel "Grrash".

Fir-rigward tal-kaz odjern, din il-Qorti hi fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna ikkoncernata, specjalment meta jkun qed jintalab korrezzjoni fil-kunjom. Id-dokumenti ufficjali u c-certifikati esebiti mill-attur jistghu jaghtu l-informazzjoni mehtiega sabiex il-Qorti tkun tista' tasal ghat-talba odjerna.

---

[1] Seduta tad-19 ta' Frar 2015
[2] Seduta tad-19 ta' Frar 2015

Ghal dan l-iskop, il-Qorti nnominat lil Nadia Lanzon, bhala esperta fit-traduzzjoni mil-lingwa Gharbija ghal-lingwa Ingliza u Maltija. Mir-rapport taghha, esebit a fol 118 sa 123 tal-process, debitament mahluf fl-4 ta' Novembru 2015, tirrizulta s-segwenti informazzjoni.

Illi minn analizi tad-dokumenti esebiti, l-esperta traduttrici kkonstatat li fil-kuntratt taz-zwieg datat 15 ta' Dicembru 2011, (fol 28) u f'dokumenti, rizultat ta' Akkademja (fol 39) u traduzzjoni ta' certifikat edukattiv, (fol 42), u f'dokument ufficjali mahrug mill-gvern transizzjonali Libyan (fol 46) u f'dokument li huma kopja tal-'Family Book' bl-Gharbi, (fol 65-67) jidher l-isem ta' missier ir-rikorrent. Illi gie sottolineat mill-esperta traduttrici, li f'dawn id-dokumenti ufficjali kollha, m'hemm l-ebda indikazzjoni ghal "Gazawi", u ghalhekk dan jitqies bhala isem mhux ufficjali jew tip ta' laqam. Gie affermat ukoll fir-rapport, li m'hemmx dubju li l-ewwel isem tar-rikorrent ghandu jkun "Yousef" u mhux "Yasef". Illi fir-rigward tad-diskrepanza fil-kunjom, ossia d-diskrepanza li tirrizulta mid-dokumenti esebiti fejn il-kunjom huwa mnizzel f'dokumenti bhala "Garrash" u f'dokumenti ohrajn bhala, "Grrash", giet ukoll spjegata minhabba regola generali li l-vokali fil-lingwa Gharbija mhumiex miktubin u jithallew barra.

Illi ghall-fini ta' kompletezza, l-esperta traduttrici nghatat l-inkarigu ulterjuri li tittraduci wkoll il-passaport tar-rikorrent esebit a fol 8 tal-process u dokumenti ohra esebiti a fol 83 sa 88, dan sabiex jigi stabbilit l-isem u l-kunjom tar-rikorrent. Illi t-traduzzjonijijiet ulterjuri, esebiti a fol 138 sa

149, juru l-kunjom “Garrash”. Din id-diskrepanza fil-vokali giet spjegata a soddisfazzjoni tal-Qorti mit-traduttrici kif fuq ikkonstatat.

Ikkonsidrat li l-partijiet irrimettew ruhhom ghar-rapport tat-traduttrici Nadia Lanzon skont verbal datat 17 ta’ Marzu 2016 (fol 153).

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti m’ghandha l-ebda raguni sabiex ma tadottax il-konkluzjonijiet tal-esperta mahtura u ser tghaddi biex tilqa’ t-talba tal-attur ghall-korrezzjoni mehtiega.

Izda, kkonsidrat li l-intimat m’ghandux jigi addebitat bl-izball peress li l-attur ma rnexxilux jipprova li l-izball kien dovut ghal xi ghemil tal-istess intimat, aktar u aktar meta kien missier l-attur li ffirma d-dokument (Dok DRP1 fol 20-21), u ffirma bhala “Dan Gazawi”. Ghalhekk l-intimat m’ghandux ibati l-ispejjez.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa’ l-hames eccezzjoni tal-intimat, rigward il-kap tal-ispejjez, tilqa’ t-talba tar-rikorrent billi previa li tiddikjara li l-isem u l-kunjom tar-rikorrent huma korrettement Yousef Grrash.

1. **Tilqa' t-talba** tar-rikorrent u tordna lill-intimat jaghmel id-debiti korrezzjonijiet fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent li jgib in-

numru tal-iskrizzjoni wiehed sitta sitta wiehed tas-sena elf disa' mija u tmenin (1661/1980), fis-sens illi kull fejn jidher l-isem "Yasef", dan jigi mhassar u minflok jitnizzel l-isem "Yousef" filwaqt illi kull fejn jidher "Gazawi" dan jigi mhassar u minflok jitnizzel "Grrash".

Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-intimat *ai termini* tal-**artikolu 256** tal-Kodici Civili sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' April 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' April 2016**